**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Gunju 2021**

**Talba Nru: 60/21 CZ**

**Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C 10865)**
**vs.**

**Joseph Muscat (ID 375551 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-17 ta' Frar 2021 li biha premettiet:

Is-socjeta' attrici titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jordna u jikkundana lill-intimat ihallas is-somma ta' tmin mija u disghin Euro u zewg centezmi (€890.02),

rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni mas-servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11027846 fuq talba u a beneficcju tal-intimat u dan kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata 'Dok. X1'.

Illi dan il-kreditu qieghed jigi kkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat 'Dok. X2'.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2021.

Ra l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono[1], li ddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmin mija u disghin Euro u zewg centezmi (€890.02), u li s-socjeta' attrici pruvat tinterpella lill-konvenut aktar minn darba sabiex il-konvenut jersaq ghall-hlas, izda baqa' ma hallasx.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

---

[1] A fol. 3 tal-process

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u disghin Euro u zewg centezmi (€890.02), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur